## MINUTI

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017**

**SEDUTA NRU 12**

**IL-GIMGĦA 14 TA' FRAR 2014 FIL-11.00 TA' FILGHODU**

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

KUNSILL LOKALI TA' XBIEX SEDUTA NUMRU 12 – 14.02.14
IS-SEBA' LEĠISLATURA

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti ġew moqrija u ġew approvati unanimament.

## 2 ĠNIEN KUNSILL TAL- EWROPA TAL-GZIRA

Is-Sindku Max Żammit informa l-Kunsill li l-Kunsill ġie infurmat li sejjer isir embellishment tal-ġnien, Kunsill Ewropa tal-Gzira. Peress li parti żghira minn dan il-ġnien tmiss mal-konfini ta' Ta' Xbiex il-Kunsill ta' Ta' Xbiex għandhom interess fuq dan l-embellishment li sejjer isir.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li kienet saret laqgħa fejn kien prezenti wkoll il-Kunsilllier Eugenio Muscat fejn ingħatat spjegazzjoni ta' kif il-Gvern Centrali qiegħed jissuġġerrixxi li ssir dan l-embellishment fil-ġnien.

Saret diskussjoni dwar dan il-ġnien u kien hemm diversi opinjonijiet minn naħa tal-Kunsilliera tal-Kunsill ta' Ta' Xbiex ta' kif se jiġi mwettaq dawn ix-xogħolijiet.

## 3 MOZZJONI U KONTRA-MOZZJONI

Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti resaq mozzjoni rigward ir-refurbishment tal-Ġnien tal-Gzira.

**M O Z Z J O N I** **Referenza: 002/14**

Proponent Anthony Cachia Castelletti – Kunsillier
Sekondant Eugenio Muscat - Kunsillier

**Suġġett: Gnien il-Kunsill tal-Ewropa tal-Gzira**

F'laqgha nformali li saret nhar il-Ħamis, 6 ta' Frar, 2014 ġejna nfurmati mis-Sindku tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex, Max Zammit, li kien imsejjaħ flimkien mas-Sindku tal-Gzira Roberto Cristiano mill-Ministru responsabbli għal-laqgħa dwar Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa. Hu nfurmana li f'din il-laqgħa ġew avżati jew infurmati li l-Gvern kien bi hsiebu jiprivatizza (il-kelma li kienet użata kienet – 'jinbiegħ') Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa li huwa mal-Yacht Marina f'Ta' Xbiex.

Dan il-Kunsill qiegħed joġġezzjona bil-qawwa kollha għall-bejgh ta' ġnien pubbliku li b'konsegwenza ta' dan, llum jew ghada, jista' jigi nnegat id-dritt tal-poplu li juza dan il-post ta' rikreazzjoni, mistrieh u parkeġġ u konsegwenza ta'dan jista' jigi wkoll bi' ħlas,

Ghalhekk f'isem il-komunita' ta' Ta' Xbiex qegħdin nitolbu li dan il-bejgħ ma jseħħx u l-ġnien u l-parkeġġ fuq il-moll jibqa' tal-poplu.

Saret diskussjoni fuq dan il-mozzjoni fejn is-Sindku Max Zammit ma qabilx mal-kontenut ta' din il-mozzjoni u ta r-ragunijiet tiegħu. Għaldaqstant is-Sidnku ppreżenta kontramozzjoni b'referenza 003/14, li kienet ssekonata mill-Viċi Sindku Ronnie Portelli u u l-Kunsillier Frank Roe.

Il-mozzjoni kienet taqra hekk:

**KONTRA-MOZZJONI** Referenza: 003/14

| | |
|---|---|
| Proponent | Max Zammit - Sindku |
| Sekondant | Ronnie Portelli – Vici Sindku |
| Sekondat | Frank Roe - Kunsillier |

**Suġġett: Gnien il-Kunsill tal-Ewropa tal-Gzira**

Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex jemmen li fiż-żona tal-"Gnien il-Kunsill tal-Ewropa" hemm bżonn jsir xi ħaga biex tissolva l-problema tal-allegatament kriminalita li tinkludi: vandalizmu, abbuz tad-droga, prostituzzjoni, tlajjar, atti oxxeni fil-beraħ u ntimidazzjonijiet fost diversi affarijiet oħra li qegħdin ibghedu ħafna nies milli jużaw dan il-post ta' rikreazzjoni, b'mod speċjali f'certu ħinjiet. Barra minn hekk nafu wkoll li tezisti l-problema ta' *'water flooding'*, problema akbar ta' parking, u bzonn ta' sistema aħjar ta' l-immanigjar tal-iskart fil-madwar.

Ghalkemm dawn il-problemi ma nistghux nsolvuhom aħna peress li l-ġnien qiegħed f'idejn il-Kunsill Lokali tal-Gzira, nemmnu li dawn in-nuqqasijiet iridu jigu mħarsa fl-immedjat. Bħala Kunsill aħna favur dawn it-tibdiliet fi ħdan dan il-ġnien, immaterjalment f'idejn min taqa r-responsabilta biex imantnieh. Jekk il-Gvern lest li jgħaddieh lilna bħala Kunsill, aħna lesti nilqgħuh b'idejna miftuħa, u għalhekk għandna mmedjatament nibgħatu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex nuruhom l-interess tagħna, u eventwalment nkunu nafu jekk ir-rikjesta taghna hijiex possibli. Jekk le, neħtiegu aktar dettalji sabiex dawk in-nuqqasijiet attwali li jeżistu, nkunu certi li ser jiġu mħarsa fl-immedjat u dan il-gnien flimkien mal-parkegg jibqa miftuħ għall-pubbliku mingħajr ħlas u jkollna ġnien isbaħ, bis-sigurta meħtiega u b'accessibilta aħjar, sabiex fl-aħħar dan il-ġnien isir verament tal-poplu.

Wara li nqraw il-mozzjoni u l-kontra mozzjoni il-Kunsillier Frank Roe issuġġerrixxa li għalissa iwarrbu l-mozzjoni u l-kontramozzjoni u tinkiteb ittra lil awtoritajiet koncernati kollha kif wkoll is-Segretarju Parlamentari biex ittuna iktar informazzjoni dwar il-Ġnien tal-Ewropa.

Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti fuq is-suġġeriment li għamel Frank Roe waqt li kien qiegħed jispjega il-kontramozzjoni b'referenza 03/14, il-Kunsill iħoss li jaqbel illi għandha tintbgħat ittra lil-Awtoritajiet konċernati kollha, neċessarji biex dan il-ġnien li qed neirreferi għalih jgħaddi għand il-Kunsill ta' Ta' Xbiex. Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti jixtieq iżid wkoll li ebda parti minn dan il-ġnien ma jinbiehx peress li hu personali u l-Kunsillier Eugenio Muscat ma jistgħu qatt jaqblu li parti minnu tiġi ipprivatizzata., u jekk din il-kontra-mozzjoni originali tgħaddi b'referenza 2/14 li l-mozzjoni li ġiet ipproponuta minnu stess (Anthony Cachia Castelletti) sekondata mill-Kusnillier Eugenio Muscat tiġi rtirata, temporanjament.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat u l-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti ddikjaraw kontra għall-fatt li ma jistgħu jaqblu qatt li tiġi pprivitezzza.

L-Aġent Segretarju Ezekuttiv resaq għad-diskussjonijiet dawn iz-żewg mozzjonijiet. Il-Kunsill ivvota fuq il-mozzjoni nru 2/14, li ġiet proponuta minn Anthony Cachia Castelletti u l-Kunsillier Eugenio Muscat fejn ir-riżultat tal-vot kien hekk;

Favur 2 Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti u l-Kunsillier Eugenio Muscat
Kontra 3 Is-Sindku Max Zammit, Il-Vici Sindku Ronnie Portelli u l-Kunsillier Frank Roe.

Saret votazzjoni fuq il-Kontramozzjoni 3/14 u r-riżultat tal-vot kien hekk:

Favur 3 Is-Sindku Max Żammit, il-Vici Sindku Ronnie Portelli u l-Kunsillier Frank Roe
Kontra 2 Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti u l-Kunsillier Eugenio Muscat

Ghaldaqstant irriżulta li l-mozzjoni oriġinali 2/14 ma ġietx approvata mill-Kunsill u l-kontramozzjoni nru 3/14 ġiet approvata.

Il-Kunsill qabel li peress li għaddiet il-kontramozzjoni ghandu jimxi skond ma hemm miktub fil-kontra mozzjoni.

## AĠĠUDIKAZZJONI TAT-TENDERS

Il-Kunsill resaq sabiex tiġi aġġudikata it-Tender tal-Mixed Household.

Is-Sindku qal li l-bord li kien ġie maħtur kien daħal fid-dettal ta' kif għandu jiġġudika din it-tender peress li din it-tender riedet tiġi aġġudikata fuq is-sistema tal-M.E.A.T, li ma tender riedet tiġi iġġudikata fuq 40/10 finanzi u 60/100

Għaldaqstant tressaq ir-rapport u l-punteġġ li kienu ġabu il-5 Kuntratturi li tefgħu l-offerti dawn ġew klassifikati hekk.

Il-Kunsill b'mod unanimament qabel mal-punteġġi tal-bord u għaldaqstant ġie maqbul li din it-tender tingħata lil-Kuntrattur SRF li inserta huwa l-istess Kuntrattur li bħalissa qiegħed jiprovdi l-istess serviżż ta' ġbir ta' skart ġewwa Ta' Xbiex.

Il-Kunsill talab l-Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex jinforma lil kuntratturi kollha bid-deċiżżjoni tal-Kunsill

Sar qbil illi wara li jgħaddi ż-żmien ta' xi apppell, qabel ma jiġi firmat l-Kuntratt SRF il-Kunsill għandu jibgħat għal-Kuntrattur sabiex flimkien jiddiskuta l-implimentazzjoni ta' dan il-kuntratt.

## STREET LIGHTNING

Il-Kunsill iddiskuta l-aġġudikazzjoni tat-tender u peress li kien tefgħaha lil tender kuntrattur 1, il-Kusnill, ivverifika sabiex jara jekk'x kien hemm differenzi kbar fil-prezzijiet bejn it-tender preżenti u dan it-tender.

Il-Kunsill ra li dan it-tender kellu prezzijiet tiegħu *fair and reasonable* u għaldaqstant b'mod unanimu l-Kunsill irrakomanda li din it-tender għandha tingħata lil J.F.Mallia Ltd li l-unika kuntrattur Conmal li applika.

Il-Kunsill qal lil Aġent Segretarju Ezekuttiv jikteb lil-Kuntrattur li qed jinota dan it-tender għal-perjodu ta' sena biss kif talab id-Dipartiment.

## 4 EGĦLUQ TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL

Il-laqgha tal-Kusnill spiccat fis-2.00pm u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss se jsir 10 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv